MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## IMĦALLEF ONOR.
## LAWRENCE MINTOFF

**Seduta tat-30 ta' Novembru 2015**

Rikors Maħluf Numru: 671/15LM

**Avukat Dr Michael Zammit Maempel (ID: 51677M) bħala mandatarju speċjali tal-assenti minn Malta Stephane u Dorothee konjuġi Michel, u uliedhom Guillaume Michel u Charlotte De Kerviler imwielda Michel**

**vs.**

1. **Antoine (ID: 253471M) u Marlene (ID: 357872M) konjuġi Attard**
2. **James Mifsud (ID: 277377M) u Gordon Farrugia (ID: 511877M) f'isimhom proprju u f'isem is-soċjetà Buz-Dov Developments Limited (C-25647)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-konvenuti **James Mifsud u Gordon Farrugia** ippreżentat fis-

17 ta' Settembru, 2015 li permezz tiegħu għar-raġunijiet hemm premessi talbu l-purgazzjoni tal-istat kontumaċjali tagħhom.

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Settembru, 2015 li permezz tiegħu laqgħet it-talba tal-istess konvenuti.

Rat li l-konvenuti kollha għajr Antoine Attard ippreżentaw risposta maħlufa u għalhekk l-istess Antoine Attard waqa' kontumaċi kif ġjà dikjarat fis-seduta tal-14 t'Ottubru, 2015;

Rat it-talba tal-attur magħmula fl-istess seduta sabiex jiġi revokat *contrario imperio* l-imsemmi digriet tal-25 ta' Settembru, 2015 u l-isfilz tar-risposta ġuramentata billi r-rikors tal-konvenuti James Mifsud u Gordon Farrugia ippreżentat fis-17 ta' Settembru, 2015 ma ġiex notifikat lilu u li di più ma ngħatax l-opportunità jressaq is-sottomissjonijiet tiegħu.

Rat it-tweġiba fl-istess seduta tal-avukat tal-konvenuti James Mifsud u Gordon Farrugia li l-kontumaċja kienet ippurgata għal raġunijiet ġusti u li fi kwalunkwe każ it-talba ma setgħetx tagħmel stat fil-konfront tas-soċjetà konvenuta Buz-Dov Developments Limited billi din qatt ma ġiet innotifikata bir-rikors ġuramentat.

Rat id-digriet tagħha tat-28 t'Ottubru, 2015 li permezz tagħha ċaħdet it-talba tal-attur fuq imsemmija għar-revoka tad-digriet tal-25 ta' Settembru,

2015.

Rat ir-rikors tal-attur ippreżentat fil-5 ta' Novembru 2015 li permezz tiegħu talab, a tenur tal-Artikolu 229(3) tal-Kap 12 li jappella mid-digriet tat-28 ta' Ottubru, 2015 "peress li dan id-digriet si tratta dwar il-kontumaċja o meno tal-intimati Gordon Farrugia, James Mifsud u s-soċjetà Buz-Dov Developments Limited, ikun ġust u ekwu li tali appell jiġi ttrattat u jingħata sentenza finali fir-rigward tal-kontumaċja f'dan l-istadju".

Rat ir-risposta tal-avukat difensur tal-konvenuti li tali talba ma tistax tintlaqa' in vista tal-Artikolu 229(1) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi li appell minn digriet imsemmi fil-paragrafu (j) tiegħu: "digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għall-isfilz ta' dokument mill-atti tal-kawża" u minn digriet imsemmi fil-paragrafu (k) tiegħu: "digriet jekk tintlaqax jew le talba għar-revoka jew emenda ta' digriet, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu"

Semgħat it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet kontendenti fis-seduta tal-11 ta' Novembru, 2015;

Rat li f'din l-aħħar seduta l-Qorti ħalliet il-kawża għal-lum għal provvediment;

**Ikkunsidrat:**

Illi qabel xejn il-Qorti tirrileva li għalkemm kien skontat kemm għaliha stess kif ukoll għall-partijiet li l-provvediment tal-25 ta' Settembru 2015, li laqa' t-talba għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja, kien digriet, kien hemm mill-inqas żewġ okkażjonijiet li fihom ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell, in re: **Avukat Dr Paul Pullicino noe vs. Adrian Mifsud noe** (29 ta' Frar 1984) u **Lawrence Ellul Sullivan et noe vs Lawrence Ciantar** (2 ta' Marzu 1992 – Kollez. Vol. LXXVI.ii.410) li dan il-provvediment kien sentenza, u mhux digriet, għaliex, skont kif irraġunat fl-aħħar deċiżjoni, il-Qorti, wara li tat id-deċiżjoni, "ma setgħetx tirriverti kollox u tiddikjara *contrario imperio* illi l-konvenut kien kontumaċi – u jekk ikun ippreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet fiż-żmien lilha konċess, tordna l-isfilz ta' dik in-nota".

Illi min-naħa l-oħra, l-istess Qorti tal-Appell (Superjuri) iddeċidiet, iktar riċentement, in re: **Malta Industrial Parks Limited v KA.DO.CO. (Gozo) Co. Limited** (31 ta' Jannar, 2011) illi provvediment li jiċħad il-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja huwa digriet u mhux sentenza. Għalkemm is-sentenzi tal-1984 u tal-1992 suċċitati jirreferu għal providement ta' purgazzjoni tal-kontumaċja, filwaqt li s-sentenzi l-oħra jirreferu għal provvediment fejn din il-purgazzjoni ġiet miċħuda, din il-Qorti tħoss li xorta waħda r-raġunament ta' dawn l-aħħar sentenzi għandu jgħodd ukoll għal provvediment li jippurga l-kontumaċja, u ċjoè illi l-provvediment huwa digriet, mhux sentenza:

> *"M'għandux ikun hemm dubju li n-natura tal-provvediment mogħti mill-Qorti ma*

*kienx jammonta għal sentenza imma għal digriet interlokutorju. Dan hu hekk għaliex hawn si tratta ta' provvediment dwar kif għandu u jigi kondott is-smigħ tal-kawża relattivament għall-provi. Fi kliem ieħor, id-deċiżjoni appellata la b'xi mod qegħda tiddeċiedi l-mertu proprju tal-vertenza u lanqas jista' jingħad li d-digriet li ngħata terminat negotium de quo agitur. Fil-fatt, il-provi fil-mertu għadhom lanqas biss bdew jinstemgħu u wisq inqas għalhekk ma ġie deċiż xi ħaġa rigwardanti l-istess mertu tal-vertenza."*

Illi l-attur qiegħed jitlob permess biex jiġi revokat id-digriet tat-28 t'Ottubru, 2015 li ċaħadlu t-talba għar-revoka tad-digriet tal-25 ta' Settembru, 2015. Dan ix-xorta ta' digriet jinkwadra ruħu perfettament fit-termini tal-Artikolu 229(1)(k) u għalhekk ma jistax isir f'dan l-istadju, imma biss wara l-għoti tas-sentenza definittiva u flimkien ma' appell minnha. Fir-rikors tiegħu, l-attur stqarr li qiegħed jitlob permess biex jappella "ai termini tal-Artikolu 229(3) tal-Kap. 12." Dan l-artiklu iżda m'huwiex applikabbli, in kwantu dan hu każ li, kif ġjà ngħad, jaqa' taħt digriet li hu nkluż fis-subartiklu (1) tal-Artiklu 229, filwaqt li l-Artikolu 229(3) japplika biss għal "appell minn kull digriet interlokutorju ieħor li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2)". Dak li jista' jintalab permess biex jappella minnu skont Artikolu 229(3) mhuwiex digriet li jiddetermina talba għar-revoka ta' digriet preċedenti, imma appell minn dak id-digriet preċedenti nnifsu. Fi kliem ieħor, l-Artikolu 229(3) seta' talvolta jiskatta kieku l-attur talab permess li jappella mid-digriet tal-25 ta' Settembru, 2015 u mhux, kif fil-fatt għamel, mid-digriet tat-28 t'Ottubru 2015.

Illi appell konsimili li kien sar fil-kawża fl-ismijiet **John Formosa et vs.**

**Lawrence Formosa** – wara li l-Qorti ta' Prim'Istanza tat permess biex dan isir – kien miċħud mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-25 ta' April, 2008:

*"10.2 Fis-16 ta' Jannar 2007, il-Qorti tal-ewwel grad, wara li rreferiet għas-subartikolu (4) tal-Artikolu 63 in kwistjoni, u wara li qieset li missier il-partijiet miet fit-22 ta' Novembru 1988, u omm il-partijiet mietet fit-22 ta' Lulju 1988, iddecidiet li l-Artikolu 63 mhux applikabbli għall-każ odjern u konsegwentement ċaħdet l-eccezzjoni imqajma mill-konvenut.*

*"10.3 Fit-3 ta' April 2007, l-istess Qorti, in vista tal-fatt li kienet ħadet żball fid-data tal-mewt ta' omm il-partijiet fis-sens li hija kienet mietet fl-1998 u mhux fl-1988, tat digriet ieħor li permezz tiegħu rrevokat contrario imperio d-deċiżjoni tagħha tas-16 ta' Jannar 2007.*

*"10.4 L-atturi appellaw minn din id-deċiżjoni u talbu lill-Qorti tannulla dak li ġie deċiż minnha fit-3 ta' April 2007, u tikkonferma d-deċiżjoni tagħha tas-16 ta' Jannar 2007.*

*"11.1 Qabel ma tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji tal-atturi appellanti din il-Qorti tħoss li jkun proċeduralment opportun li qabel xejn tinvesti l-aħħar punt li tqajjem mill-konvenut fir-risposta tal-appell tiegħu. Dan jagħmel referenza għall-Artikolu 229(1)(k) tal-Kap. 12 li jipprovdi illi appell minn digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għar-revoka jew emenda ta' digriet jista' jsir biss wara l-għoti tas-sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza u ma jistax jiġi kontestat qabel ma tingħata s-sentenza definittiva.*

*"11.2 L-atturi, fir-rikors tagħhom, spjegaw kif l-ewwel qorti kienet tathom permess biex jappellaw mid-digriet tagħha tat-3 ta' April 2007, ai termini ta' l-Artikolu 229(3). Però minn eżami ta' dan l-*

*Artikolu jidher li dan ma japplikax għad-digriet tat-3 ta' April 2007, għaliex digriet simili jaqa' taħt l-Artikolu 229(1)(k) u l-Artikolu 229(3) ma jikkoncernax digrieti li jaqgħu taħt l-Artikolu 229(1)."*

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi din il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba tal-atturi magħmula permezz tar-rikors ippreżentat fil-5 ta' Novembru 2015 li permezz tiegħu talab, a tenur tal-Artikolu 229(3) tal-Kap 12 li jappella mid-digriet tat-28 t'Ottubru 2015.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura riservati għall-ġudizzju finali.**

**Moqrija**

**--------------------TMIEM---------------------**